

P7_TA(2011)0454

Il-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku (2011/2048(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttivi 2004/18/KE u 2004/17/KE dwar proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi¹ u d-Direttiva 2007/66/KE dwar proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi²,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE dwar il-Konklużjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità³, li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' Jannar 2011 u li tidentifika d-direttivi dwar l-akkwist pubbliku bħala 'Atti komunitarji li jirreferu għal kwistjonijiet irregolati mill-Konvenzjoni',
- wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tad-WTO tal-15 ta' April 1994,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u speċjalment l-Artikolu 26 tiegħu (l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-aċċess ugwali għal swieq tas-settur pubbliku fl-UE u f'pajjiżi terzi⁴,
- wara li kkunsidra l-Ktiba Ħadra tal-Kummissjoni dwar l-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku (COM(2011)0015),
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-espansjoni tal-użu tal-akkwist-e fl-UE (COM(2010)0571),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar suq uniku għall-impriżi u t-tkabbir⁵,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar żviluppi ġodda fl-akkwist pubbliku⁶,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 dwar 'L-akkwist pubbliku prekkummerċjali: inrawmu l-innovazzjoni biex niżguraw servizzi pubbliċi sostenibbli u ta' kwalità għolja fl-Ewropa'⁷,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea' (COM(2010)0543),

¹ ĠU L 134, 30.4.2004.

² ĠU L 335, 20.12.2007, p. 31.

³ ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2011)0233.

⁵ Testi adottati, P7_TA(2011)0146.

⁶ ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 38.

⁷ ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 10.

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ‘Lejn Att dwar is-Suq Uniku. Għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna. 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin’ (COM(2010)0608),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Professor Mario Monti tad-9 ta’ Mejju 2010 dwar ‘Strateġija ġdida għas-suq uniku’,
 - wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SEC(2010)1214,
 - wara li kkunsidra r-rapport dwar ‘L-evalwazzjoni tal-aċċess għall-SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku fl-UE’¹,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ‘Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar’ (COM(2008)0400),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ‘Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa’ (COM(2008)0394),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ‘Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020. Unjoni tal-Innovazzjoni’ (COM(2010)0546),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-11-12 ta' Mejju 2011 dwar il-Green Paper dwar ‘L-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku - Lejn Suq Ewropew tal-Akkwist iżjed effiċjenti’,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2011 dwar il-Green Paper dwar ‘L-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku – Lejn Suq Ewropew iżjed effiċjenti’,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2011 dwar il-Green Paper dwar l-espansjoni tal-użu tal-akkwist-e fl-UE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0326/2011),
- A. billi suq tal-akkwist pubbliku fl-UE li jiffunzjona kif suppost huwa xprun ewlieni tat-tkabbir u l-ġebla tax-xewka tas-suq uniku, u huwa, barra minn hekk, fundamentali biex jiġu stimolati l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni u biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u soċjali tal-politika pubblika li qed jinħolqu b’mod rapidu, kif ukoll minħabba l-kwistjonijiet dwar il-kwalità tax-xogħol, l-ugwaljanza, il-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali, filwaqt li jinkiseb valur ottimali għaċ-ċittadini, in-negozji u l-kontribwenti;
- B. billi r-regoli Ewropej dwar l-akkwist pubbliku kkontribwixxew b’mod sostanzjali għal aktar trasparenza u trattament ugwali akbar, għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u għal

¹ http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/files/smes_access_to_public_procurement_final_report_2010_en.pdf

professjonalizzazzjoni tal-proċess tal-akkwist;

- C. billi l-kuntest ekonomiku attwali, illum iktar minn qatt qabel, huwa kruċjali li tiġi żgurata l-aħjar effiċjenza tan-nefqa pubblika, filwaqt li kemm jista' jkun jiġu limitati l-ispejjeż inkorsi mill-kumpaniji, u billi l-funzjonament imtejjeb tas-suq tal-akkwist iwassal biex jintlaħqu dawn iż-żewġ objettivi;
1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u l-proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa bħala punt tat-tluq għar-reviżjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ), u skont ir-regoli riveduti dwar l-għajjnuna statali;
 2. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, għalkemm ir-reviżjoni tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist fl-2004 wasslet għal żvilupp ulterjuri utli tas-suq uniku għall-akkwist pubbliku, jinħass il-bżonn – f'tit tas-snin wara t-traspożizzjoni tad-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE fil-liġi nazzjonali – li jiġi vvalutat il-fatt jekk l-ottimizzazzjoni u l-kjarifika tad-direttivi jkunux meħtieġa sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li saru evidenti fil-prattika; jenfasizza li ħafna persuni interessati jaraw ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku bħala kumplessi ħafna, li jwasslu għal proċeduri amministrattivi ta' konformità li jiswew il-flus u li huma ta' piż; jiddeplora l-każijiet frekwenti fejn ikun hemm traspożizzjoni inadegwata tar-regoli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u l-insuffiċjenza ta' miżuri tat-taħriġ; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi simplifikazzjoni u konsolidazzjoni sinifikanti tar-regoli, filwaqt li żżid iktar kjarifiki fejn hemm bżonn; jenfasizza barra dan li ż-żieda fl-użu tal-ICT issa għandu jkollha rwol ewlieni biex titnaqqas l-amministrazzjoni u l-ispejjeż, u li d-diversi inizjattivi Ewropej dwar l-akkwist-e u l-kummerċ-e għandhom għaldaqstant jiġu allinjati mar-riforma fir-regoli dwar l-akkwist;
 3. Jitlob dikjarazzjoni espliċita fid-direttivi li ma jżommu l-ebda pajjiż milli jkun konformi mal-Konvenzjoni C94 tal-ILO; jistieden lill-Kummissjoni thegħġeg lill-Istati Membri kollha biex ikunu konformi ma' dik il-Konvenzjoni; jenfasizza li l-funzjonament effikaċi ta' akkwist pubbliku sostenibbli jirrikjedi regoli ċari u mhux ambigwi tal-UE li jiddefinixxu b'mod preċiż il-qafas tal-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Istati Membri;

L-ewwel komputu: titjib taċ-ċarezza legali

4. Jitlob kjarifika tal-ambitu tad-direttivi; jinnota li l-iskop ewlieni tal-akkwist pubbliku huwa x-xiri ta' prodotti, xogħlijiet u servizzi minn awtoritajiet pubbliċi biex jakkomodaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini tagħhom u jiżguraw l-użu effettiv tal-fondi pubbliċi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għandu jkun hemm benefiċċju dirett għall-awtorità kontraenti biex proċedura tikkwalifika bħala akkwist pubbliku;
5. Jitlob kjarifika tad-definizzjonijiet fid-direttivi – pereżempju d-definizzjoni ta' 'korp regolat bi dritt pubbliku' – f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QEĠ u mingħajr ma jitnaqqas l-ambitu tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku;
6. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2010 dwar l-iżviluppi reċenti fl-akkwist pubbliku, fejn ġiet ikkunsidrata l-ġurisprudenza tal-QEĠ u tqies il-fatt li l-koperazzjoni pubblika-pubblika mhijiex sottoposta għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku sakemm jiġu sodisfatti l-kriterji li ġejjin: li l-iskop tas-sħubija kien id-dispożizzjoni ta' komputu ta' servizz pubbliku mogħti lill-awtoritajiet lokali kollha kkonċernati; li komputu kien sar biss mill-

awtoritajiet pubbliċi kkonċernati, jiġifieri mingħajr l-involvement tal-kapital privat; u l-attività involuta tkun twettqet essenzjalment f'isem l-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati; jenfasizza l-fatt li t-trasferiment tal-kompiti bejn l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku huwa kwistjoni tal-organizzazzjoni amministrattiva interna tal-Istati Membri u mhux sottopost għar-regoli tal-akkwist; huwa tal-fehma li dawn il-kjarifiki għandhom jiġu kkodifikati fid-direttivi dwar l-akkwist;

7. Jenfasizza l-esklużjoni tal-konċessjonijiet tas-servizzi mill-ambitu tar-regoli Ewropej dwar l-akkwist; ifakkar li għandhom ikunu kkunsidrati kif jixraq kemm il-kumplessità tal-proċeduri kif ukoll id-differenzi sinifikanti li hemm fil-qasam tal-kultura legali u tal-prattika legali fl-Istati Membri fir-rigward tal-konċessjonijiet ta' servizzi; huwa tal-fehma li d-dibattitu dwar id-definizzjoni tat-terminu 'konċessjonijiet ta' servizzi' u l-ħolqien ta' qafas legali li jiġgverna dawn il-konċessjonijiet żviluppa wara l-adozzjoni tad-direttivi tal-2004 dwar l-akkwist pubbliku u tal-ġurisprudenza supplimentari tal-QTĠ; jinsisti dwar il-fatt li kull proposta għall-att leġislattiv dwar konċessjonijiet tas-servizzi tkun ġustifikata biss f'każ li tintuża biex issewwi d-distorsjonijiet fil-funzjonament tas-suq intern; jindika li t-tali distorsjonijiet għadhom ma ġewx identifikati, u li att leġislattiv dwar il-konċessjonijiet tas-servizzi għalhekk huwa inutli jekk ma jkollux l-għan li jtejjeb b'mod evidenti l-funzjonament tas-suq intern;
8. Jenfasizza li l-klassifikazzjoni attwali tal-kategoriji tas-servizzi A u B għandha tinżamm billi d-dispożizzjonijiet 'eħfef' għas-servizzi-B għandhom il-ġustifikazzjonijiet tagħhom fil-karatteristiċi ta' dik il-kategorija bħala servizzi pprovduti prinċipalment fil-livell lokali jew reġjonali; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa għodod biex ikun aktar faċli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li jiddeċiedu għal liema kategorija jappartjenu l-kompiti speċifiċi tal-kuntratt;
9. Josserva, f'dan il-kuntest, li l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku fil-każijiet ta' forniment tas-servizzi soċjali lill-individwu ta' spiss ma tkunx adattata biex jinkisbu l-aħjar riżultati għal min jagħmel użu minnhom; jitlob ir-rikonossiment skont il-liġi tal-UE, ta' proċeduri pprovduti u ttestjati tal-Istati Membri msejsa fuq il-prinċipju li l-fornituri kollha li huma f'pożizzjoni li jissodisfaw kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi minn qabel, irrispettivament mill-forma legali tagħhom, li jkunu jistgħu jipprovdu s-servizzi, sakemm ikunu rrispettati l-prinċipji ġenerali ta' trattament ugwali, ta' trasparenza, u ta' nondiskriminazzjoni;
10. Jenfasizza li l-introduzzjoni ta' regoli ġodda għas-swieq tal-akkwist pubbliku taħt il-livelli limitu tal-UE għandhom jiġu evitati, għaliex jistgħu jipperikolaw iċ-ċertezza legali stabbilita fil-livell nazzjonali;
11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tallinja d-Direttiva dwar ir-Rimedji mal-qafas il-ġdid dwar l-akkwist pubbliku li se jiġi żviluppat wara r-reviżjoni attwali, u biex twettaq dan l-eżerċizzju b'mod parallel għall-proposta leġislattiva ewlenija, biex tiġi żgurata l-konsistenza;
12. Jenfasizza r-responsabilità tal-Kummissjoni li timmonitorja t-traspożizzjoni korretta tad-direttivi tal-UE fl-Istati Membri;

It-tieni kompit: l-iżvilupp tal-potenzjal kollu tal-akkwist pubbliku – l-aħjar valur għall-flus

13. Huwa tal-fehma li, biex jiġi żviluppat il-potenzjal kollu tal-akkwist pubbliku, il-kriterju

tal-iktar prezz baxx m'għandux jibqa' l-kriterju determinanti għall-għoti tal-kuntratti, u li għandu jiġi sostitwit, b'mod ġenerali, mill-kriterju tal-offerta li tkun l-aktar vantaġġuża ekonomikament, f'termini ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali – filwaqt li jitqiesu l-kostijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet relevanti jenfasizza li dan ma jkunx jeskludi l-iktar prezz baxx bħala l-kriterju deċiżiv fil-każ tal-prodotti u s-servizzi standardizzati; jitlob lill-Kummissjoni, bil-kooperazzjoni fil-qrib mal-Istati Membri, tiżviluppa metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja iġenerali u fuq bażi mhux obligatorja; jenfasizza li l-appoġġ għall-kriterju tal-‘benefiċċju ekonomiku massimu’ jrawwem l-innovazzjoni u l-isforzi biex jinkisbu l-aħjar kwalità u valur, jiġifieri biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-istrateġija tal-Ewropa 2020; jenfasizza li dan huwa partikolarment relevanti rigward l-akkwist pubbliku ta' prodotti li għandhom impatt fuq is-saħħa tal-konsumaturi – fis-settur tal-ikel, pereżempju – fejn il-kwalità u l-metodi tal-produzzjoni jaqdu rwol importanti; jenfasizza li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku għandhom ikunu flessibbli biżżejjed biex jiżguraw li l-konsumaturi passivi, pereżempju fl-isptarijiet, id-djar għall-kura tal-anzjani, l-iskejjel u l-kindergartens, ikollhom aċċess ugwali għall-ikel sustanzjuż u ta' valur għall-flus, aktar milli għall-irħas għażla disponibbli;

14. Jirrikonoxxi li jekk jintuża b'mod effikaċi, l-akkwist pubbliku jista' jservi ta' impetu reali li jippromwovi l-impjiegi ta' kwalità, il-pagi u l-kundizzjonijiet, kif ukoll l-ugwaljanza, fl-iżvilupp tal-ħiliet u taħriġ, fil-promozzjoni tal-politiki ambjentali, u fl-għoti ta' inċentivi għar-riċerka u l-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-gvernijiet u lill-awtoritajiet kontraenti biex jużaw aktar l-akkwist pubbliku sostenibbli, li jappoġġja u jippromwovi impjiegi ta' kwalità għolja, u li jipprovdi servizzi u prodotti ta' kwalità fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni biex tiskrutinizza l-mod kif l-akkwist pubbliku kkontribwixxa biex jintlaħqu l-miri aktar mifruxa tal-UE u biex tiddekrivi x'għandu jsir biex dawn l-oġettivi jittejjbu fil-ġejjieni;
15. Ifakkar li l-akkwist prekummerċjali huwa għodda li ma tintużax biżżejjed, li tista' tixpruna l-innovazzjoni fl-akkwist pubbliku u tista' tikkontribwixxi bil-kbir biex jiġu identifikati u stabbiliti s-swieq ewlenin u biex jitjeb l-aċċess tal-SME għall-akkwist pubbliku; iqis, barra minn hekk, li l-mudell propost ta' kondiviżjoni tar-riskju u tal-benefiċċju (IPR) fl-akkwist prekummerċjali jirrikjedi kemm kjarifika legali kif ukoll simplifikazzjoni legali sabiex il-professjonisti fis-settur tal-akkwist ikunu jistgħu jużaw din l-għodda b'mod regolari; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tipproponi adattament tal-akkwist relevanti jew tar-regoli tal-għajjnuna mill-istat bħala parti mill-eżerċizzju tar-reviżjoni ġenerali, sabiex jiżdied l-użu tal-akkwist prekummerċjali;
16. Jinnota l-importanza tal-istandards għall-akkwist pubbliku, għax dawn jistgħu jgħinu lill-akkwirenti pubbliċi jilħqu l-oġettivi tagħhom tal-politika b'mod effettiv u trasparenti; jappella, f'dak ir-rigward, għall-iżvilupp ta' database aġġornata b'mod regolari rigward l-istandards, b'mod speċjali rigward il-kriterji ambjentali u soċjali, biex tkun disponibbli għall-awtoritajiet pubbliċi, biex ikun żgurat li l-prokuraturi, meta jkunu qed ifasslu s-sejthiet għall-offerti, ikollhom aċċess għal gwida xierqa u sett ċar ta' regoli, biex ikunu jistgħu jivverifikaw b'mod faċli l-konformità tagħhom mal-istandards relevanti;
17. Jitlob li jkun hemm dipendenza akbar fuq l-istandards nondiskriminatorji u miftuħa fl-akkwist pubbliku, fl-interessi tas-simplifikazzjoni u tal-oġettivi tal-innovazzjoni, partikolarment fl-oqsma tal-aċċessibilità, l-ICT, u l-ambjent;

18. Jenfasizza l-fatt li jekk prodott jew servizz ikunx ġie prodott b'mod sostenibbli huwa kkunsidrat dovutament bħala karatteristika tal-prodott, li tista' tintuża bħala kriterju ta' paragun ma' prodotti jew servizzi li ma jkunux ġew prodotti b'mod sostenibbli, sabiex l-awtoritajiet kontraenti jkunu jistgħu jikkontrollaw l-impatt ambjentali u soċjali tal-kuntratti mogħtija minnhom b'mod trasparenti imma fl-istess ħin ma jdgħajfux ir-rabta meħtieġa mas-suġġett tal-kuntratt; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għandu jiġi ċċarat l-ambitu għall-inklużjoni ta' rekwiżiti relatati mal-proċess tal-produzzjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tipi kollha ta' kuntratti, fejn huma rilevanti u proporzjonali; jiġbed l-attenzjoni għall-każ Wienstrom, li sar l-eżempju klassiku ta' kif u għaliex il-karatteristiċi tal-produzzjoni jistgħu jiġu kategorizzati bħala speċifikazzjonijiet tekniċi;
19. Jenfasizza l-ħtieġa tat-tishiġ tad-dimensjoni tas-sostenibilità tal-akkwist pubbliku billi din tkun tista' tiġi integrata f'kull stadju tal-proċess tal-akkwist (jiġifieri fit-test tal-abilità, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-klawsoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt);
20. Jenfasizza li, b'riżultat taż-żieda fl-għarfien dwar l-impatt tal-prodotti, tax-xogħlijiet u tas-servizzi fuq l-ambjent u l-klima, l-awtoritajiet tal-akkwist għandhom jinkludu l-kostijiet ambjentali fil-valutazzjoni tagħhom tal-'offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament' u fil-kalkolu tagħhom tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja;
21. Jinnota li t-test tad-direttivi jeħtieġ li jkun aktar speċifiku fir-rigward tat-titjib fl-aċċess għal persuni b' diżabilità;
22. Iqis li d-dispożizzjonijiet attwali dwar is-sottokuntrattar għandhom jissaħħu, ladarba l-użu ta' diversi livelli ta' sottokuntrattar jista' jwassal għal problemi fir-rigward tal-konformità mal-ftehimiet kollettivi, mal-kondizzjonijiet tax-xogħol, u mal-istandards tas-saħħa u s-sigurtà; jirrakkomanda għaldaqstant li l-awtoritajiet pubbliċi jiġu informati bid-dettalji kollha marbuta mal-użu tas-sottokuntrattar qabel ma jiġi konkluż kuntratt; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta, bil-ħsieb għal reviżjoni fil-futur tad-direttivi, jekk hemmx bżonn ta' aktar regoli fuq l-ġoti tas-sottokuntratti, pereżempju dwar l-istipolar ta' katina ta' responsabilità, speċifikament biex ikun evitat li s-sottokuntratturi SMEs ikunu sottoposti għal kundizzjonijiet aġġar minn dawk applikabbli mal-kuntrattur ewlieni li jkun ingħata l-kuntratt pubbliku;
23. Jirrikonoxxi r-rwol li jista' jkollha l-UE fl-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs) b'suċċess billi tippromwovi l-kompetizzjoni ġusta u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattika fl-Istati Membri kollha b'rabta mal-politiki soċjali u tal-impjiegi; jinnota, madankollu, li jeżistu differenzi kbar bejn l-Istati Membri f'termini ta' rekwiżiti legali u proċedurali li japplikaw f'dan il-qasam; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tispjega aħjar il-kunċett tal-PPP, b'mod partikolari fir-rigward ta' kif il-partijiet se jġarrbu r-riskji maqsuma bejniethom u kif se jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom;
24. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid il-livell adegwat tal-valuri ta' limitu fil-kuntratti tal-provvista u tas-servizzi, u jekk hemm bżonn u tgħollihom, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-akkwist pubbliku minn, fost l-oħrajn, operaturi mingħajr skop ta' qligħ u tal-ekonomija soċjali kif ukoll tal-SMEs; jitlob li jitqiesu bir-reqqa r-rekwiżiti legalment vinkolanti tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tad-WTO, jenfasizza li, minħabba d-diffikultajiet li diġà jeżistu fin-negozjati fir-rigward tal-kwistjoni tal-aċċess għall-akkwist pubbliku, wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li żieda fil-livelli limitu fl-Ewropa tista' twassal faċilment għal aktar kumplikazzjonijiet għall-politika dwar il-kummerċ tal-UE;

25. Jenfasizza li kwalunkwe estensjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist fil-qasam 'x' għandu jinxtara' tirrappreżenta bidla sinifikanti fir-reġim attwali u għandha tiġi vvalutata bir-reqqa; jiddubita li dan jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni, iżda għall-kuntrarju jibża' li dan jista' jwassal għal regoli aktar ikkumplikati, b'ħafna eżenzjonijiet, li jkun diffiċili jiġu amministrati fil-prattika – billi d-direttivi dwar l-akkwist huma linji gwida proċedurali ('kif għandu jinxtara') m'għandux ikun fihom dispożizzjonijiet dwar 'x' għandu jinxtara';

It-tielet kompitju: simplifikazzjoni tar-regoli u possibiltà ta' proċeduri aktar flessibbli

26. Jenfasizza li d-Direttivi huma spiss meqjusa bħala dettaljati wisq u li saru dejjem iżjed tekniċi u kumplessi, filwaqt li fl-istess ħin ir-riskju legali ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-regoli żdied konsiderevolment kemm għall-awtoritajiet kontraenti u kemm għall-fornituri; jinnota li l-biża' mill-isfida jwassal għal approċċ fejn wieħed joqgħod lura milli jieħu riskji, liema approċċ jidher l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli, u ħafna drabi jwassal lill-awtoritajiet kontraenti biex jagħżlu l-prezz l-aktar baxx minflok dak bl-aħjar valur; jitlob li jkun hemm iktar spazju għan-negozjar u l-komunikazzjoni, flimkien ma' miżuri biex tiġi żgurata t-trasparenza u biex jiġu evitati l-abbuż u d-diskriminazzjoni, u jħeġġeġ li l-konsultazzjoni tas-suq tkun permessa bħala l-ewwel pass possibbli;
27. Jinnota li l-politika dwar l-akkwist pubbliku għandha, l-ewwel u qabel kollox, tiżgura l-użu effettiv ta' fondi mill-Istati Membri, tikseb l-aħjar riżultati f'termini ta' akkwist pubbliku permezz tal-applikazzjoni ta' proċeduri ċari, trasparenti u flessibbli, u tippermetti lin-negozji Ewropej jikkompetu f'livell ekwu fl-Unjoni kollha;
28. Iħeġġeġ, waqt li l-liġi Ewropea tal-akkwist pubbliku qed tkun reveduta, regoli ċari, sempliċi u flessibbli, billi jitnaqqas il-livell ta' dettall u billi l-proċeduri tal-akkwist isiru iktar sempliċi, inqas ingombranti, irħas, aktar miftuħa għall-SMEs u jwasslu għal aktar investment; jara l-bżonn, għaldaqstant, għal serħan akbar fuq il-prinċipji ġenerali ta' trasparenza, trattament ugwali u nondiskriminazzjoni; iqis permezz tas-simplifikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku li jkun jista' jonqos ir-riskju ta' żball u li tingħata aktar attenzjoni lill-bżonnijiet ta' awtoritajiet kontraenti żgħar;
29. Iħeġġeġ biex jiġi vvalutat użu usa' jekk il-proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni minn qabel fl-UE kollha tistax tkun permessa, lil hinn minn dak li jipprevedu d-direttivi attwali, sabiex l-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi jkun jistgħu jikkomunikaw aħjar, u sabiex il-provvista u d-domanda jkun jistgħu jiġu kkoordinati b'mod effettiv; huwa tal-fehma li, jekk tkun prevista xi estensjoni tal-ambitu tal-proċedura negozjata, għandhom jiġu introdotti salvagwardji ulterjuri mill-abbuż – pereżempju l-obbligu tal-awtorità kontraenti li tistabilixxi mill-bidu, lil kwalunkwe offerent, mill-inqas xi kundizzjonijiet minimi rigward il-prestazzjoni tal-proċedura, hekk kif jiġri b'mod tajjeb fl-akkwist mill-privat – u tistabilixxi wkoll rekwiżiti ta' dokumentazzjoni bil-miktub;
30. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-approċċi attwali għall-eleġibilità tal-fornituri (partikolarment il-ftehimiet qafas, is-sistemi dinamiċi tax-xiri u l-użu tas-sistemi ta' eleġibilità mill-akkwirenti tal-utilitajiet), sabiex kwalunkwe approċċ ġdid għall-eleġibilità jnaqqas l-ispejjeż u ż-żmien, ikun attraenti kemm għall-awtoritajiet kontraenti kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi u jwasslu għall-aħjar riżultati possibbli;
31. Itenni l-insistenza tiegħu fuq l-ammissjoni sistematika ta' offerti alternattivi (jew varjanti), billi dawn huma kruċjali biex jippromwovu u jxerrdu soluzzjonijiet innovattivi;

jenfasizza li l-ispeċifikazzjonijiet li jirreferu għar-reqwiziti ta' prestazzjoni u funzjonali u l-ammissjoni espliċita ta' varjanti jagħtu lill-offerenti l-opportunità li jipproponu soluzzjonijiet innovattivi, b'mod partikolari fis-setturi b'livell għoli ta' innovazzjoni bħalma huwa s-settur tal-ICT; jitlob ukoll li l-mezzi kollha – leġislattivi u mhumiex – jiġu esplorati biex tiġi żgurata parteċipazzjoni aħjar tal-akkwist pubbliku fil-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa;

32. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi kjarifiki fil-qafas regolatorju dwar l-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-fażi tat-twertiq tal-kuntratt (pereżempju dwar 'modifika sostanzjali' ta' kuntratt fis-seħħ, dwar bidliet li jikkonċernaw il-kuntrattur u t-terminazzjoni tal-kuntratti);
33. Iqis b'dispijaċir li l-offerenti għandhom biss opportunità limitata li jirrimedjaw għall-ommissjonijiet fl-offerti tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tesplora liema ommissjonijiet jistgħu jiġu rettifikati mill-offerenti, x'aġġustamenti addizzjonali huma permessi u jesploraw kif jistgħu jiġu garantiti t-trasparenza u t-trattament ugwali;
34. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-esperjenza preċedenti ma' offerent fuq il-bażi ta' rapport uffieċjali ta' evalwazzjoni; jirrakkomanda li għandu jiġi stabbilit limitu ta' żmien għall-esklużjonijiet, li għandu jiżgura t-trasparenza u l-oġġettività; jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa għal kjarifika leġislattiva fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE li tiddikjara li l-offerent li jinstab ħati ta' mġiba ħażina fi proċedura tal-akkwist preċedenti, jista' jerġa' jikseb l-affidabilità wara li jkun ta prova sostanzjali li huwa għadda minn proċedura effettiva ta' 'awtoregolazzjoni'; iqis li din il-kjarifika għandha trawwem mekkaniżmi kontra l-korruzzjoni bl-inċentivi sottostanti biex il-prattiki ta' korruzzjoni jingħelbu iktar malajr, u għandha telimina l-inċertezzi legali serji;
35. Jikkritika n-nuqqas tal-Geen Paper li ssemmi n-nuqqasijiet, in-nuqqas ta' kompetenzi u ta' għarfien dwar l-akkwist u l-inadegwatezza tal-istrateġiji tal-akkwist pubbliku; jenfasizza l-importanza li tiġi promossa l-professjonalità u li tkun garantita l-oġġettività kemm min-naħa tal-awtoritajiet kontraenti u kemm min-naħa tal-operaturi tas-suq, b'mod partikolari billi jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ li huma maħsuba għalihom; jirrakkomanda li jiġi stabbilit netwerk ta' ċentri ta' eċċellenza fi ħdan l-oqfsa nazzjonali eżistenti, u li jiġu promossi l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri; jinkoraġġixxi wkoll l-organizzazzjonijiet umbrella, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, biex jaqsmu r-responsabilità biex jagħmlu l-informazzjoni relevanti disponibbli u biex jiffaċilitaw l-iskambji tal-informazzjoni bejn il-membri tagħhom fl-Ewropa kollha; jenfasizza l-importanza ta' manwali ċari u li jinftiehm kemm mill-awtoritajiet kontraenti u kemm mill-offerenti; isibu ta' dispijaċir il-fatt li d-dokumenti 'Ixtri għal ambjent aħjar! Manwal tal-akkwist pubbliku favur l-ambjent' u 'Xiri soċjali: Gwida sabiex Jitqiesu l-Kunsiderazzjonijiet Soċjali fl-Akkwisti Pubbliċi', ippublikati fl-2005 u l-2010 rispettivament, mhumiex prattikabbli biżżejjed f'dan ir-rigward;
36. Jinnota li 1.4% biss tal-kuntratti jingħataw lil intrapriżi li ġejjin minn Stat Membru differenti; jenfasizza li professjonalizzazzjoni u taħriġ aħjar tal-kontraenti u l-offerenti, irawmu l-kompetizzjoni madwar l-UE u biex jiġu sfruttati aktar bis-sħiħ il-vantaġġi li joffri suq intern tal-akkwisti għal kuntratti pubbliċi;

Ir-raba' komputu: titjib tal-aċċess għall-SMEs

37. Jenfasizza li l-aċċess immedjat għall-akkwist pubbliku għall-SMEs, li huma l-forza li tmexxi l-ekonomija Ewropea, huwa kruċjali għall-ħarsien tal-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli, l-innovazzjoni u t-tkabbir; jenfasizza li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri u l-formalitajiet amministrattivi, kif ukoll il-ħolqien ta' strateġiji li huma ta' benefiċċju għall-SMEs, u l-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' prattiki tajba, jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-kuntratti pubbliċi u jippermettulhom jipparteċipaw fuq livell iktar ugwali u ġust; huwa tal-fehma li l-għoti ta' aċċess issimplifikat, ugwali u ġust għall-akkwist pubbliku jirriżulta f'użu aħjar tal-flus tal-kontribwenti; jindika li l-SMEs ġeneralment ma jkollhomx kapaċità amministrattiva sinifikanti u speċjalizzata, u li għalhekk huwa essenzjali li jitnaqqas il-piż amministrattiv impost fuqhom;
38. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kriterji tal-għażla dwar il-qagħda finanzjarja, pereżempju rigward il-fatturat tal-kumpanija, għandhom ikunu proporzjonati man-natura tal-kuntratt partikolari; iwissi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, meta jadottaw strumenti flessibbli u faċli għall-utent, biex ma johlqux ostakoli ġodda għall-SMEs u biex iqisu l-interessi tagħhom bħala prijorità; jitlob lill-Kummissjoni, bl-għan li jitjeb l-aċċess għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku u titjeb it-trasparenza tagħhom, partikolarment għall-benefiċċju tal-awtoritajiet kontraenti u tal-offerenti, biex jiġi mmodernizzat il-portal Tenders Electronic Daily (TED) ħalli jsir aktar aċċessibbli billi jitjebu l-appell tiegħu u l-mod ta' kif jintuża, billi tingħata attenzjoni partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mat-tiftix tal-kriterji u l-kwalità u d-dettall tat-traduzzjonijiet fil-qosor ta' kull offerta; jirrakkomanda li TED għandu joffri servizz ta' avviż lill-utenti, biex jinformatom li jkunu ħarġu offerti ġodda li jkunu jinteressawhom;
39. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid l-għarfien dwar l-importanza tal-qsim tal-kuntratti f'lottijiet, u biex tikkunsidra l-implimentazzjoni tal-prinċipju 'applika jew spjega', li skontu għandhom jiġu osservati r-regoli dwar kwistjonijiet bħalma hija d-diviżjoni f'lottijiet, jew inkella għandha tingħata spjegazzjoni għan-nuqqas ta' konformità;
40. Jindika li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jisfruttaw aktar il-possibilitajiet li l-kuntratti pubbliċi jinqasmu f'partijiet, bir-riżultat li dan jagħti lill-SMEs opportunità akbar li jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku, f'termini kwalitattivi u kwantitattivi, u jtejjeb il-livell tal-kompetizzjoni; jinkoraġġixxi lill-SMEs biex jagħmlu użu mill-akkwist konġunt u mill-ippuljar tal-kuntratti, li jkun jippermettilhom jagħmlu l-ekonomiji ta' skala fl-oqsma bħall-łoġistika u t-trasport; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet pubbliċi biex ikunu flessibbli meta jqisu dawn il-forom tal-arranġamenti moderni u volontarji; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-possibilitajiet kollha biex jitħeġġeġ l-iggrupp tal-SMEs u tal-istrutturi ż-żgħar fuq bażi temporanja jew permanenti biex b'hekk ikunu jistgħu jieħdu sehem f'sejħiet għal offerti mhux ikkategorizzati f'lottijiet, mingħajr ma jkollhom jaġixxu bħala sottokuntratturi; jitlob lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex teżamina b'mod partikolari l-prattika attwali tas-sottokuntratturi lill-SMEs – spiss b'kundizzjonijiet inferjuri għal dawk applikabbli mal-kuntrattur ewlieni – ta' partijiet mill-kuntratti li ma ġewx maqsuma f'lottijiet, u li huma kbar wisq biex jippermettu lill-SMEs jipparteċipaw fil-proċedura tal-akkwist;
41. Jipproponi li jiġu permessi l-awtodikjarazzjonijiet meta dan ikun fattibbli, u li d-dokumenti oriġinali jintalbu biss lill-kandidati fil-lista mqassra jew lill-offerent rebbieħ biss, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe dewmien possibbli u tfixkil fis-suq kawża ta' dikjarazzjonijiet inkorretti; jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-għażla ta' 'passaport tal-akkwist' li huwa aċċettat mill-Istati Membri kollha u li jagħti prova li l-

operatur ekonomiku jissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kuntratti pubbliċi; jenfasizza l-punt li s-sistema Ewropea ta' prekwifikazzjoni għandha tkun strument ta' għajjnuna jekk tinżamm sempliċi, irħisa u aċċessibbli faċilment għall-SMEs;

Il-ħames kompiju: l-iżguraw ta' proċeduri tajba u l-evitar ta' vantaġġi inġusti

42. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, sabiex tiġi miġġielda l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku, prattiki ta' rapportar aktar effikaċi, inklużi l-iskambji tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-esklużjoni ta' offerenti mhux affidabbli; jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi regoli ċari dwar il-protezzjoni ta' informaturi, insegwitu tar-rakkomandazzjonijiet fir-Riżoluzzjoni 1729(2010) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa¹, biex ittejjeb it-trasparenza ta' kuntratti ffinanzjati mill-UE u tippromwovi azzjoni edukattiva kemm fil-livell istituzzjonali kif ukoll fil-livell tal-pubbliku ġenerali;
43. Jinnota li ċerti Stati Membri diġà qed japplikaw proċeduri tal-għoti tal-akkwist pubbliku effiċjenti li jiżguraw it-trasparenza u l-użu xieraq tal-flus tal-persuni taxxabli; jitlob lill-Kummissjoni tevalwa l-aħjar prattiki tal-Istati Membri f'dan il-qasam u tidentifika l-prinċipji l-aktar effettivi għall-akkwist pubbliku fl-UE;
44. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-għieda kontra l-korruzzjoni u l-favoritiżmu hija waħda mill-objettivi tad-direttivi; jenfasizza l-fatt li l-Istati Membri jaffaċċjaw sfidi differenti f'dan il-qasam u li approċċ Ewropew iżjed elaborat jissogra li jdgħajjef l-isforzi ġenerali biex jiġu armonizzati u ssimplifikati r-regoli, u li joħloq burokrazija għda; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-prinċipji tat-trasparenza u l-kompetizzjoni huma kruċjali fil-għieda kontra l-korruzzjoni; jitlob għal approċċ komuni dwar il-miżuri 'tal-awto-regolazzjoni' biex jevita d-distorsjonijiet tas-suq u jiżgura ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi u bl-istess mod għall-awtoritajiet kontraenti;
45. Huwa tal-fehma li, billi l-kuntratti pubbliċi jikkonċernaw il-fondi pubbliċi, għandhom ikunu trasparenti u miftuħa għall-iskrutinju pubbliku; jitlob kjarifika mill-Kummissjoni bl-għan li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-awtoritajiet pubbliċi lokali u oħrajn u jkun jistgħu jinfurmaw liċ-ċittadini bl-obbligi kuntrattwali tagħhom;
46. Jitlob lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-problemi relatati mal-offerti baxxi b'mod eċċezzjonali u biex tippromwovi soluzzjonijiet xierqa; jirrakkomanda li l-awtoritajiet kontraenti jipprovdu, f'każ li jkun rċevuti offerti baxxi iktar min-normal, informazzjoni bikrija u suffiċjenti lil offerenti oħra, sabiex jippermettulhom jivvalutaw jekk hemmx raġuni biex tinbeda l-proċedura ta' reviżjoni; jitlob konsistenza akbar bejn il-politika esterna komuni tal-kummerċ tal-UE u l-prattiki fl-Istati Membri li jaċċettaw fuq bażi eċċezzjonali l-offerti baxxi;

Is-sitt kompiju: l-espansjoni fl-użu tal-akkwist-e

47. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-espansjoni fl-użu tal-akkwist-e; jindika li l-pjan ta' azzjoni tal-akkwist-e naqas milli jikseb l-objettiv tiegħu u li jeħtieġ tmexxija iktar politika fil-livelli kollha tal-gvern – inkluż il-livell tal-UE – biex tinżamm u tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni għall-akkwist-e; irid jiżgura li minn tal-anqas 50% tal-

¹ Ir-Riżoluzzjoni 1729(2010) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni ta' informaturi, test adottat fid-29 ta' April 2010.

operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku kemm tal-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri jsiru b'mod elettroniku, b'konformità mal-impenn tal-gvernijiet tal-Istati Membri waqt il-konferenza ministerjali dwar gvern-e li saret fl-2005 f'Manchester;

48. Jenfasizza l-fatt li l-Kummissjoni għandha rwol uniku fil-promozzjoni tal-progress tal-istandardizzazzjoni u l-kwistjonijiet tal-infrastruttura – il-firem-e u t-timbrar tal-ħin, pereżempju, jeħtieġu format maqbul b'mod komuni għall-finijiet tas-sigurtà; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa l-istandards komuni inkwistjoni; jenfasizza li r-rekwiżiti tekniċi onerużi għall-awtentikar tal-offerent ikunu jistgħu iservu ta' ostakolu għall-operaturi; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema standardizzata għall-firma-e; jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli servizz ta' validazzjoni għal ċertifikati maħruġa mill-fornituri tas-servizz taċ-ċertifikazzjoni taħt is-superviżjoni tagħhom;
49. Jenfasizza l-fatt li, biex tiġi żgurata l-interoperabilità ta' sistemi differenti u biex tiġi evitata r-rabta tal-bejjieġh, għandhom jiġu osservati standards miftuħa u n-newtralità fit-teknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura l-interoperabilità reali bejn il-pjattaformi differenti għall-akkwist-e diġà fis-seħħ fl-Istati Membri, biex jintużaw aktar ir-riżultati miksuba minn inizjattivi tal-UE bħalma huma l-PEPPOL u l-e-CERTIS;
50. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kwalunkwe proposta leġislattiva bl-għan li tespandi u tissimplifika l-użu tal-akkwist-e għandha tiġi integrata fir-reviżjoni tad-direttivi ewlenin dwar l-akkwist pubbliku u għandha tkun konformi mal-ambitu u r-regoli ġenerali dwar l-akkwist pubbliku bħall-obbligi marbuta mal-livelli limitu;
51. Jenfasizza li l-akkwist-e jista' jixpruna s-simplifikazzjoni tal-proċess kollu tal-akkwist, waqt li jintroduċi l-effiċjenzi li jwasslu għall-iffrankar sinifikanti tal-ispejjeż u tal-ħin kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, u jżid it-trasparenza u l-aċċessibilità; jinnota li l-akkwist ta' kuntatti b'mod elettroniku, b'mod partikolari, jiftaħ perspettivi ġodda għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi; ifakkar li l-akkwist-e għandu jkun inqas għali, iktar espedjenti u iktar trasparenti mill-proċeduri tal-akkwist pubbliku konvenzjonali; jemmen, madankollu, li għad baqa' lok għal titjib u li għandha tittieħed aktar azzjoni f'termini tal-aċċess għal informazzjoni u dejta statistika li jkun affidabbli, komparabbli u oġġettivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-użu transkonfinali tal-akkwist-e;
52. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-leġislazzjoni mhijiex l-uniku element ewlieni li tippromwovi l-bidla; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tesplora modi ġodda għall-iskambju tal-esperjenzi, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u t-trasferiment tal-għarfien bejn il-fruntieri fost l-atturi lokali u reġjonali; jenfasizza l-ħtieġa qawwija li jissaħħu iktar il-kapaċità u l-għarfien tal-persunal li jaħdmu fil-qasam tal-akkwist-e u – permezz ta' inċentivi nazzjonali u/jew biex ikun żgurat 'trattament ugwali' bejn l-SMEs u l-impriżi l-kbar – biex l-SMEs jiġu assistiti fil-bini tal-għarfien u l-kapaċità tagħhom; jilqa' l-Faċilità tal-Għaqda Ewropea bħala strument ġdid li jżid l-akkwist-e transkonfinali, bir-riżultat li jippermetti l-iżvilupp tas-suq uniku diġitali;
53. Jilqa' l-avviż tal-Kummissjoni fil-'Pjan ta' Azzjoni 2011-2015 għall-Gvern-e' li l-pjattaforma *epractice.eu* għandha tiġi żviluppata f'għodda effettiva għall-iskambju tal-esperjenzi u l-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-professjonisti tal-gvern-e, u jħeġġeġ l-estensjoni tal-ambitu għall-professjonisti lokali u reġjonali;

o

o o

54. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.